**Messagg ta' Mons Innocenz Borg fl-okkazjoni tat-375 sena Parrocca**

## *Harsa lura … harsa'l quddiem*

Din is-sena, il-Parrocca ta' Hal Luqa qed ticcelebra it-375 sena mit-twaqqif taghha bhala parrocca. Il-parrocca ta' Hal Luqa twieldet fi zmien il-hakma tal-Kavallieri ta' San Gwann; hadet sehem fir-rewwixta kontra l-francizi; ghexet mitejn sena bhala parti mill-imperu Ingliz; u issa taghmel parti minn Malta hielsa u indipendenti.

Kien tul il-papat ta' Urbanu VIII, nhar il-15 ta' Mejju 1634, li Hal Luqa inqatghet parocca minn dik ta' Birmiftuh. Missirijietna ghazlu sa mill-bidu nett lil Sant' Andrija sabiex ikun Missier u Patrun ta' din il-Parrocca l-gdida.

Hal Luqa, bhala parrocca gdida u awtonoma, bdiet tikber u tizviluppa f'kull sena. Minn komunita' msejsa fuq il-biedja saret wahda industrijali w artigjanali. L-istudju avvanzat u l-professjonalizmu ma baqax il-mira tal-ftit, izda tal-bosta. Mal-wasla tad-dawl elettriku u tal-karozzi, saret rivoluzzjoni shiha fl-istil tal-hajja. It-tokki ta' l-*Ave Maria* ma baqghux ifissru li wasal il-hin biex kulhadd jingabar gewwa daru ghal-mistrieh. Ma nistghux ma nsemmux l-ahhar gwerra dinjija. Ir-rahal ta' Hal Luqa sar herba wahda. Izda, ghal ghall-grazzja t'Alla, illum ghandna rahal gdid u knisja gdida, bil-wisq isbah minn dik ta' qabilha. Tul dawn it-375 sena ta' hajja, Hal Luqa rat it-twelid ta' diversi ghaqdiet civili u religjuzi, li huma l-hajja tal-parrocca taghna.

375 sena ta' storja, li raw il-poplu ta' Hal Luqa jinbidel f'hafna aspetti. Izda f'haga wahda il-poplu ta' Hal Luqa baqa' sod – ir-rabta tieghu ma' l-Appostlu Sant' Andrija. Rabta ma' Sant' Andrija tfisser imhabba lejn dak kollu li habb u ghallem Sant' Andrija innifsu. Rabta ma' Sant' Andrija tfisser rabta bejnietna bhala wlied ta' Missier wiehed. Din ir-rabta ghandha tkun garanzija ta' paci u success ghal gejjieni tal-parrocca taghna.

Dan huwa l-awgurju tieghi f'din l-okkazjoni specjali.

**W. Rev. Mons Innocenz Borg**
*Ex-Kappillan (1956 – 1980)*